# Berlin
## Germany

**INŻURU:** Berlin, Potsdam, Leipzig, Sanssouci, Dresden, Charlottenburg u Spreewald

**06 - 13 ta' Lulju**
**07 - 14 ta' Settembru**

### L-ERBGĦA
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fil-13.45 għat- titjira KM376 li ttir fl-15.50 u tasal Berlin fl-18.45.Transfer lejn il-lukanda li qed fiċ-ċentru ta' West Berlin propju ħdejn l-aktar triq magħrufa dik ta' **Kurfurstendamm**. Sistemazzjoni tal-kmamar. Wara ħarġa mal-leader.

### IL-ĦAMIS
Buffet breakfast. Illum ikollna **city tour** mill-iżjed interessanti mal-belt ta' **Berlin** fejn flimkien mal-gwida tal-lokal tispjegalna l-istorja ta' dan il-poplu. Fost l-oħrajn naraw: Brandenburg Gate, Unter den Linden, Reichstag, Berlin Wall u Checkpoint Charlie, li jfakkarna fiż-żmien meta Berlin kienet maqsuma. Naraw ukoll il-boulevard famuża Kurfürstendamm. Wara l-ħin liberu biex tgawdu l-atmosfera pjaċevoli li jkun hawn jew tistgħu żżuru l-istabbilimenti sbieħ li nsibu f'din il-belt. Filgħaxija mmorru għall-bibita. Għal dawk li jieħdu l-Half Board Supplement l-ikla dejjem tkun filgħaxija.

### IL-ĠIMGĦA
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Leipzig**. Flimkien mal-gwida tal-lokal inkunu nistgħu nammiraw din il-belt fejn fost l-oħrajn naraw l-Market Square fejn kienet inbniet l-Old City Hall, l-Altes Rathaus, l-Opera House u l-knisja ta' San Nikola. Wara jkollna ħin liberu fejn nistgħu anke nżuru l-Mużew tal-Fine Arts (dħul extra) jew iz-Zum Arabischen Coffe Baum, wieħed mill-aktar cafè-restaurant antiki. Nirritornaw lura Berlin.

### IS-SIBT
Wara li nieħdu buffet breakfast skopri magħna **Potsdam**, ir-residenza tal-mexxejja Prussjani fejn nistgħu nżuru l-**Palazz Sanssouci** (dħul extra). Hawnhekk insibu wkoll park enormi u jkollna ħin biżżejjed biex ingawdu dawn il-ġonna sbieħ. Wara nżuru ċ-ċentru tal-belt ta' Potsdam, belt kbira li fiha 20 lag u jgħaddu minn ġo fiha 20 xmara. Nirritornaw lura l-Hotel. Aktar tard ħarġa mal-leader biex ingawdu din il-belt.



### IL-ĦADD
Eskursjoni b' differenza għal **Spreewald**, waħda mill-isbaħ u l-aktar riservi naturali ppriservati fl-Ewropa. Hawnhekk nużaw id-dgħajjes biex nivjaġġaw minn naħa għall-oħra u ngawdu xenarju sabiħ u trankwill. Nirritornaw lura l-Hotel.

### IT-TNEJN
Wara il- breakfast ikollna **ġurnata libera**. Din il-belt għandha ħafna x'toffri lit-turist, għalhekk tistgħu żżuru wieħed mill-mużewijiet interessanti li nsibu ġewwa Berlin. Kif ukoll min irid jista jmur mat-tour leader biex flimkien inżuru l-famuż **Reichtag** – li hi koppla tal-ħġieġ fejn inkunu nistgħu nitilgħu fuq ir-roof terrace mnejn naraw veduta spettakolari ta' Berlin (trasport pubbliku extra). Waranofsinhar ikollna ħin induru diversi ħwienet li hemm fiċ-ċentru bħal KaDeWe department store jew min irrid jista jmur jara xi mużew. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### IT-TLIETA
Waħda mill-bliet Ġermaniżi fost l-aktar impressjonanti hi bla dubju **Dresden**. Belt li tissejjaħ Firenze tan-naħa ta' fuq. Opportunità li napprezzaw il-ġmiel tal-kastell li jinsab viċin it-Theaterplatz, is-Semperoper (Opera House), is-Sempergalerie, it-Taschenbergpalais u l-Hofkirche. Flimkien mal-gwida tal-lokal inkomplu niskopru lil din il-belt tant sabiħa. Sintendi jkollna ħin liberu għax-xiri ta' suvenirs.. Nirritornaw lura l hotel.

### L-ERBGĦA
Wara li nieħdu buffet breakfast nitilqu bil-coach lejn **Charlottenburg Palace**, fejn ser ikollna l-opportunita' li nżuru dan il- palazz tant majestuż (entratura extra). Hawnhekk ser naraw li- Staterooms, Rococo Ballroom, Golden Galerie, Silver Vault fejn se naraw oġġetti mill-isbaħ ta'deheb, fidda, ħġieġ u porċellana, kif ukol il- **Crown Jewels**. Dan il-palazz hu meqjuż l-aktar palazz magnifiku ġewwa **Berlin** u hu l-highlight ta' kull visitatur f'din il-belt, naraw ukoll il-ġonna tiegħu. Nkomplu lejn l-ajruport ta' Berlin għat-titjira KM377 li ttir fis-19.35 u naslu lura Malta fl' 22.25.

**8**
**T'IJIEM**

**MINN € 915**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €965 | €915 |
| Kamra żewġ persuni | €965 | €915 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,200 | €1,150 |
| Tfal sa 11-il sena f' kamra ma żewġ adulti | €800 | €750 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-Air Malta: Malta - Berlin - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 7 iljieli - A* Hotel Sylter Hof 3*+ - B* Hotel Film 3 star+
- Kmamar bl-arja kkundizzjonata
- Breakfast Buffet kontinentali
- Taxxi tal-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

